***"Overdraft Facilities"- "Call in"- Banking Practise* - Imghax Kompost- Art. 1142 Kap 16- Garanzija Solidali - Art. 1934/5 Kap 16.**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Jannar, 2001**

**Kawza Numru: 16**
**Citazzjoni Numru: 527/2000/RCP**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**(1) F.F. Holdings Limited**
**(2) Joseph Fenech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn is-socjeta` attrici premettiet:-

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 5 ta' Marzu 1998 in atti Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel (Dok. "A" u "B") is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet *"Loan u Overdraft Facilities"* lill-konvenuta socjeta' F.F. Holdings Limited; u illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' wiehed u tmenin elf, seba' mija u wiehed u hamsin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm81,751.21) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' F.F. Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" sa Dok. "C1" u Dok. "D" sa Dok. "D40" ) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sal-effettiv pagament; u illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 27 ta' Jannar 1995 (Dok. "E"), il-konvenut Joseph Fenech iggarantixxa flimkien u *"in solidum"* ma' F. F. Holdings Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess socjeta' F. F. Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' erbghin elf lira Maltija (Lm40,000); u illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewgt ittri ufficjali datati 15 ta' Marzu 1999, li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "F" u Dok. "G", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta attrici talbet lil din il-Qorti, sabiex ghar-ragunijiet hemm premessi fl-istess citazzjoni attrici:

(1) Tikkundanna lis-socjeta' F.F. Holdings Limited thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' wiehed u tmenin elf, seba' mija u wiehed u hamsin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm81, 751.21) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' F.F. Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. "C1" u Dok. "D" sa Dok. "D40" ) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sal-effettiv pagament;

(2) Tikkundanna lill-Joseph Fenech jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' F.F. Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. "C1" u Dok. "D" sa Dok. "D40") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 15 ta' Marzu 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment mac-citazzjoni attrici kontra l-konvenuti ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti u l-istess dokumenti esebiti kollox a fol 4 sa 72 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet a fol 76 tal-process fejn gie ecceppit mill-konvenuti:-

(1) Illi fl-ewwel lok it-talbiet kif proposti huma insostenibbli billi jekk dawn jigu akkordati jfisser illi s-socjeta' attrici jkollha d-dritt titlob hlas komplessiv ta' Lm121,000 minghand il-kontendenti meta certament tali ammont mhux dovut.

(2) Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, inghataw zewg facilitajiet u l-eccipjenti kien qieghed jisservissja dawn iz-zewg kontijiet permezz ta' pagamenti regolari u ghalhekk ma kienx il-kaz li jittiehdu l-proceduri odjerni.

(3) Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub m'huwiex kollu dovut u jikkomprendeni fih imghax in eccess ta' dak legalment permess u ghandhom isiru verifiki dettaljati dwar il-kunteggi relattivi.

(4) Illi fir-raba' lok, fir-rigward tal-ammont mitlub minghand Joseph Fenech, kwalunkwe obligazzjoni li jista' jigi mgieghel ihallas hija wahda sussidjarja ghal dik principali u hija limitata ghall-*ceiling* u stante li l-ammont jeccedi tali *ceiling* jigi rilevat illi t-talbiet kif kontemplati ma jistghux jissussistu stante illi ma jispekkjawx is-sitwazzjoni legali u kuntrattwali bejn il-partijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 77 tal-process;

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Mejju 2000 fejn Dr Peter Borg Costanzi ghas-socjeta` konvenuta talab differiment ghall-possibilita` ta' transazzjoni. Il-kawza giet differita ghall-probabbli cessjoni ghall-15 ta' Gunju 2000.

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 2000 fejn il-konvenut Joe Fenech talab differiment ghall-probabbli transazzjoni, Dr D Cassar ma opponiex. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Luju 2000.

Rat il-verbal tat-13 ta' Lulju 2000 fejn Dr D Cassar informa l-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx u talab lill-Qorti tghaddi ghall-provi. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-PL Zammit ikkonferma li ma thallas xejn fil-mori tal-

kawza. Dr Cassar iddikjara li m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavit sabiex l-istess jigu presentati mill-konvenuti fit-terminu hemm indikat ta' erbghin (40) gurnata u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni provi tal-konvenut ghad-9 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbal tad-9 ta' Novembru 2000 fejn Dr Domnic Cassar ghas-socjeta` attrici iddikjara illi sad-data tal-*call in* l-imghaxijiet gew komputati skond il-prattika bankarja b'mod kompost u minn dik id-data bl-imghax semplici. Il-konvenut u d-difensuri taghhom imsejhin tlett darbiet baqghu ma dehrux. Peress li jidher li l-konvenuti la prezentaw affidavits skond id-Digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju 2000 u lanqas gabu provi f'din is-seduta meta l-kawza kienet differita ghall-provi taghhom anzi lanqas biss dehru. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Jannar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din il-kawza giet istitwita mis-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. sabiex jigi ikkannonizzat il-kreditu

taghha fl-ammont ta' wiehed u tmenin elf, seba' mija u wiehed u hamsin lira Matija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm81,751.21) rappresentanti bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta' konvenuta F.F. Holdings Limited kollox skond il-kundizzjonijiet ta' zewg kuntratti pubblici, pubblikati min-Nutar Gerald Zammit Maempel datati t-tnejn 5 ta' Marzu 1998 u esbiti rispettivament bhala Dok. "A" u "B" mac-citazzjoni attrici.

Illi l-istess kawza saret wkoll sabiex il-konvenut l-iehor jig ikkundannat ihallas l-ammont ta' erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) parti mill-istess ammont principali fuq indikat, bhala garanti solidali tal-istess socjeta' konvenuta ghall-istess debitu, u dan in vista tal-iskrittura privata iffirmata mill-istess konvenut datata 27 ta' Jannar 1995, ukoll esebita mac-citazzjoni attrici bhala Dok. "K".

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li jekk jintlaqaw iz-zewg talbiet is-socjeta' attrici jkollha id-dritt li titlob il-hlas komplessiv ta' Lm121,000, meta tali ammont ma huwiex manifestament dovut.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-istess stante li jirrizulta car mill-mod kif hija maghmula c-citazzjoni attrici, li d-debitu principali dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' Lm81,751.21, u l-ammont li qed jigi mitlub mill-

konvenut l-iehor huwa biss fl-ammont ta' Lm40,000, u dan biss in vista tal-garanzija solidali minnu iffirmata tas-27 ta' Frar 1995, u certament ma humiex qed jintalbu z-zewgt ammonti f'daqqa. Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ma tistax tigi accettata.

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li l-konvenuti kienu qed jaghmlu pagamenti regolari, w is-socjeta attrici ma kellhiex tiehu dawn il-proceduri.

Illi din it-tieni eccezzjoni hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante li miz-zewg kontijiet li s-socjeta' konvenuta kellha mas-socjeta' attrici u cioe' 30206279029 u 102-0627901-0 kienu ilhom diversi snin ma jsiru pagamenti akkont kif jirrizulta mill-istess *statements* bankarji minn fol. 23 sa fol.44 tal-process, u dan apparti l-kundizzjonijiet tal-kuntratti relattivi li s-socjeta' konvenuta iffirmat mal-bank attur, li jaghtu d-dritt lis-socjeta' attrici li taghmel *call in* u titlob lura l-ammonti kollha dovuti lilha anke fin-nuqqas da parte tal-istess socjeta' konvenuta li tonora u thallas id-debiti taghha fil-konfront tas-socjeta' attrici. Illi ghalhekk ukoll din it-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi it-tielet eccezzjoni hija fis-sens li l-ammont mitlub ma huwiex kollu dovut stante illi jikkomprendi mghax

in eccess ta' dak legalment permessibbli u ghandhom isiru l-verifiku relattivi.

Illi dan kollu lanqas jirrizulta mill-*istatements* bankarji esebiti, u dan apparti d-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici li l-imghax sad-data tal-*call in* gew applikati skond il-prattika bankarja b'mod kompost u minn dak in-nhar bl-imghax semplici u din hija konformi kemm mal-kuntratti esebiti u kemm ukoll mal-ligi vigenti u r-rassenja ta' decizzjonijiet tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward.

Illi fil-fatt inghad fis-sentenza **"Bank of Valletta p.l.c. vs George Fava"** (R.C.P. 13 ta' Jannar 2000) li jirrizulta fil-gurisprudenza nostrali li fil-maggior parti taghhom l-istess sentenzi huma konsistenti f'dak li jirrigwarda l-istess kuncett u l-principju li jirregolaw l-istess materja, u dawn gew elenkati fis-sentenza **"Bank of Valletta p.l.c. vs Alfred Dalli"** datata 28 ta' Ottubru 1999 fejn inghad is-segwenti:-

(1) Illi l-obbligazzjoni *"de quo"* ta' *"overdraft facilities"* hija obbligazzjoni ta' natura kummercjali, u ghalhekk hija regolata skond l**-Artikolu 3 tal-Kap 17**, u ghalhekk regolata mill-Kodici Kummercjali, u fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet *"ad hoc"* mill-uzu kummercjali, u fin-nuqqas ta' dan l-uzu, tapplika l-ligi Civili.

(2) Illi ghalhekk, **l-Artikolu 1142 tal-Kap 16** japplika biss jekk fil-**Kap 17** ma hemmx disposizzjoni ***"ad hoc***" dwar l-istess imghax, u jekk m'hemmx uzu kummercjali li jirregola il-materja, stante li l-**Artikolu 3 tal-Kap 17** jistabilixxi mhux biss l-emanazzjoni tal-Ligi Kummercjali, imma wkoll l-ordni li trid tigi segwita, cioe`, l-ewwel il-Kodici Kummercjali, imbaghad l-uzu kummercjali, u biss fin-nuqqas, il-Kodici Civili.(**"Dennis Degiorgio nomine vs Nobbli Guido Sant Fournier nomine" K. 1.10.1980.)**

(3) Illi stabbilit dan jirrizulta li dan il-punt ma huwiex trattat fil-Kodici Kummercjali, u ghalhekk wiehed irid jindaga jekk jezistix uzu kummercjali f'dan ir-rigward; u fil-fatt skond is-sentenzi nostrani ma hemmx dubju li tali uzu kummercjali jirrizulta sancit, stabbilit, rikonoxxut u segwit, tant li fil-kawza **"Dr. Joseph Agius M.D. nomine vs Dr. Carmel Agius et nomine"** (G.S. 20.3.1979) l-istess Qorti sostniet illi:-

*"Fil-gurisprudenza lokali din is-sistema ta' komputazzjoni (li l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk l-imghaxijiet isiru jifformaw parti mill-kapital) giet accettata bhala li hi permessa u skond l-uzu, u*

*b'hekk hija legali u hu utili li ssir riferenza ghas-sentenzi riportati fil-***Vol. XXVII.i.826; XXX.iii.483** *u ghas-sentenza deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 1979, fl-ismijiet* **"Cecil Busuttil vs Spiteri Debarro".**

Infatti fis-sentenza appena citata intqal li:-

*"Din is-sistema ta' komputazzjoni tal-imghaxijiet f'konti kurrenti (overdrafts) hi legali kif hafna drabi gie deciz mill-Qrati Taghna* ***(*Ara. Koll. Decizjonijiet XVIII.iii.53; XXVII.i.826; XXVIII.iii.910; XXX.iii.840)" (ukoll "John Scicluna vs Dr. Michele Tufigno et nomine"- K. 25.4.1940- XXX.480).**

Ineffetti a bazi tad-decizjoni "**Konkors tal-Kredituri numru 1/1984 ta' Anthony Debono nomine" (A.K. 29.4.1993.)** inghad illi ***"****skond il-gurisprudenza l-imghaxijiet li joriginaw minn kont kurrent, la darba jigu kapitalizzati skond kif trid il-ligi, dawn jitilfu in-natura taghhom ta' imghax u jikkostitwixxu kapital iehor gdid" -* kif hemm fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla tat-30 ta' April 1947, fl-ismijiet **"Edwin Vassallo nomine vs Salvatore Ballucci (XXXIII.ii.64.)".**

Illi dawn is-sentenzi gew segwiti mis-sentenzi aktar ricenti tal-Qrati Taghna, bhal **"Dr. Grazio Mercieca**

**nomine vs Joseph Cassar nomine et”** (M. 6.10.1994); **“Dennis Degiorgio nomine vs Nobbli Guido Sant Fournier”** (J.A. 1.10.1980.); “**Paul Azzopardi nomine vs Guido Falzon et.”** (A.K. 20.7.1994.) u **“Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg”** (A.K. 12.2.1988).

(4) Illi f’din l-ahhar sentenza intqal pero` li jekk il-bank iwaqqaf tali *overdraft facilities*, skond it-termini tal-kuntratt tieghu, u jaghmel ***“call in”,*** u ma jhalliex lill-istess debitur jaghmel izjed uzu minn tali facilitajiet, l-istess bank ma ghandu ebda dritt li jaddebita lill-klijent (attur) bl-imghaxijiet komposti skond il-prattika bankarja, u dan a bazi tas-sentenzi gia citati “**Cecil Busuttil vs Alfred Spiteri Debarro”** u **“Dr. Joseph Agius M.D. vs Dr. Carmel Agius et”** u **“Paul Azzopardi vs Guido Falzon et”** (20.7.1994. A.K.) ghaliex mal-kjuzura tal-kont kurrenti (*overdraft*) l-imghax ghandu jigi ikkalkolat bis-sistema normali stabbilita fil-Kodici Civili.

Illi din il-Qorti thoss li kif jirrizulta mill-istatement relattivi esebiti mac-citazjoni attrici, l-istess socjeta’ attrici segwiet il-principji fuq stabbiliti, mentri il-konvenuti naqsu li jipprovaw l-eccezzjonijiet taghhom, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi rigettata.

Illi ghalhekk l-istess eccezzjonijiet tal-konvenuti ma ghandhom ebda fondament legali u fattwali u qed jigu ukoll michuda.

Illi l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut Joseph Fenech hija fis-sens li l-obbligazzjoni tieghu hija wahda sussidjarja ghal dik principali, u wkoll hija limitata ghall-*ceiling.*

Illi dwar dan jinghad illi it-tieni talba relattata ghall-konvenut Joseph Fenech hija fil-fatt ristretta ghall-ammont ta' Lm40,000 kollox skond l-iskrittura privata datata 27 ta' Jannar 1995, iffirmata w accettata minnu.

Illi pero' kwantu ghall-bqija tal-istess eccezzjoni jinghad li l-istess konvenut dahal garanti solidali mas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tad-debitu tas-socjeta' konvenuta dovut lis-socjeta' attrici, u tali garanzija solidali hija regolata bl-**artikolu 1935 tal-Kap 12** fejn jinghad illi l-beneficcju tal-eskussjoni skond l-**artikolu 1934,** ma japplikax jekk *"il-garanti jkun obbliga ruhhu in solidum mad-debitur".*

Illi minhabba f'dan anke din l-ahhar eccezzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi jinghad ukoll li l-konvenuti ma resqu ebda provi sabiex isostnu l-eccezzjonijiet taghhom, u fil-fatt kull ma ghamlu f'din il-kawza kien biss li talbu differimenti sabiex jittransigu il-kawza, u xejn izjed, u certament li f'tali attegjament l-istess Qorti tinnota biss tattici dilatorji, bl-iskop biss li titawwal il-kawza u xejn izjed, prattika li din il-Qorti hija deciza li telimina fil-kors tal-proceduri quddiema, stante li l-gustizzja mhux biss trid issir, izda ghandha issir f'termini ragonevoli, u dan ma ghandux jigi ostakolat minn ebda parti fil-kawza.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq premessi, u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta** u **tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici**, b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lis-socjeta' F.F. Holdings Limited thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' wiehed u tmenin elf, seba' mija u wiehed u hamsin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm81,751.21) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' F.F. Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. "C1" u Dok. "D" sa Dok. "D40" ) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sal-effettiv pagament;

(2) Tikkundanna lill-Joseph Fenech bhala garanti solidali tas-socjeta' konvenuta jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' F.F. Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c., (formanti parti mid-debitu tas-socjeta' attrici fuq indikat fl-ewwel talba attrici skond Dok. "C" u Dok. "C1" u Dok. "D" sa Dok. "D40" ) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 15 ta' Marzu 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment mac-citazzjoni attrici kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**25 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**25 ta' Jannar 2001**